31992R3661

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3661/92

tat-13 ta' Diċembru 1992

li jemenda miżuri fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-organizzazzjoni komuni fis-suq taċ-ċanga u tal-vitella bħala riżultat ta' l-emendi ta' ċerti kodiċi ta' NM fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar il-proċedura biex taġġusta n-nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni uzati għall prodotti agrikoli [1], kif emendati bir-Regolament (KEE) Nru 3209/89 [2], u partikolarment l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2505/92 [3] li jemenda l-Annessi 1 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2653/87 ta' 23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [4] għamel ċerti emendi għan-nomenklatura għas-suq taċ-ċanga u l-vitella, billi bħala riżultat huwa meħtieġ li jkun aġġustat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 305/63 tas-27 ta' Gunju ta' 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u tal-vitella [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2066/92 [6] (6) u numru ta' mizuri li jaffettwaw dan is-settur;

Billi l-mizuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għaċ-Ċanga u l-Vitella.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 305/63 huwa b'hekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:
   (a) Il-Paragrafu 1 (a):
      — Il-kodiċi NM 0102 90 10 sa 0102 90 37 huma mibdula bil-kodiċi NM 0102 90 05 sa 0102 90 79
   (b) Il-Paragrafu 1 (b):
      — Il-kodiċi NM 0102 10 00 huwa mibdul bil-kodiċi NM 0102 10.
      — Il-kodiċi NM 1602 15 90 huwa mibdul bil-kodiċi NM 1602 50 31 sa 1602 50 30
   (ċ) Il-Paragrafu 2 (a) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "(a) annimali tal-fart tfisser:

   annimali ħajjin ta' l-ispeċi tal-fart apparti milli għal annimali l-oħra ta' nisel pur li jidħlu taħt is-subintestaturi 0102 90 05 sa 0102 90 79 tan-nomenklatura magħquda;".

2. L-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 6(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "Meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ikunu milħuqa, xiri 'l ġewwa minn aġenziji ta' intervent f'wieħed jew aktar Stati Membri jew f'reġjun ta' Stat Membru ta' kategorija waħda jew aktar, gruppi ta' kwalitajiet jew kwalità, li għandhom ikunu ddeterminati, ta' laħam frisk jew imkessaħ li jidħlu fil-kodiċi NM 0201 10 00 u 0201 20 20 sa 0201 20 50 li joriġinaw fil-Komunità jistgħu jiġu organizzati taħt proċeduri ta' l-offerti magħmula bl-iskop li jkun hemm sostenn raġjonevoli tas-suq, wara li tkun ikkunsidrat l-iżvilupp staġjonali f'dak li jirrigwarda l-qatla."

3. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 10(2) gie mibdul bissegwenti:

   "Il-prezz ta' l-offerta ħieles-fuq-il-fruntiera' għandu jkun stabbilit b'referenza lejn l-aktar possibbilitajiet rappreżentativi tax-xiri, f'dak li jirrigwarda l-kwalità u l-kwantità, kif misjuba matul perjodu li jrid ikun stabbilit qabel ma tkun iddeterminata l-*levy* bażika, għall-annimali tal-fart u għall-laħam frisk u mkessaħ ta' dawk it-tipi elenkati fis-subintestaturi 0201 10 00 u 0201 20 20 sa 0201 20 50 tas-Sezzjoni (a) ta' l-Anness, li tieħu akkont, *inter alia*:

   (a) is-sitwazzjoni dwar il-forniment u t-talba;

   (b) il-prezzijiet tas-suq dinji għall-laħam iffriżat ta' kategorija li hija kompetittiva mal-laħam frisk jew mkessaħ;

   (ċ) esperjenza fl-imgħoddi"

4. Dan l-Anness huwa mibdul bl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 536/77 tat-18 ta' Marzu ta' 1977 li jistabbilixxi regoli għal applikazzjoni ta' *levy* fuq iċ-ċanga u l-vitella u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 950/68 dwar it-Tariffa Doganali Komuni [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3988/87 [8] huwa b'hekk emendat kif ġej:

[1] ĠU Nru. L 34, 9. 2. 1979, p. 2.
[2] ĠU Nru. L 312, 27. 10. 1989, p. 5.
[3] ĠU Nru. L 267, 14. 9. 1992, p. 1.
[4] ĠU Nru. L 256, 7. 9. 1987, p. 1.
[5] ĠU Nru. L 148, 28. 6. 1968, p. 24.
[6] ĠU Nru. L 215, 30. 7. 1992, p. 49.
[7] ĠU Nru. L 75, 23. 3. 1977, p. 10.
[8] ĠU Nru. L 376, 31.12.1987, p. 31.

1. Artikolu 9 (1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Għall-iskop tal-*levies*,

a) 'Karkassi ta' l-annimali tal-fart' għall-iskopijiet tal-kodiċi NM 0201 11 00 u 0202 10 00 tfisser il-karkassi sħaħ ta' l-annimali maqtula wara li jiġu żvinati, imnaddfa u mqaxxra, importati bi, jew mingħajr fdalijiet imwaħħla. Meta l-karkassi jiġu importati mingħajr l-irjus, dawn ta' l-aħħar għandhom ikunu separati mill-karkassa mill-għaksa (atloido-occipital) tan-naħa warranija tar-ras. Meta importati mingħajr is-saqajn, dawn ta' l-aħħar iridu jkunu ġew maqtugħa min-naħa tal-polz (carpo-metacarpal) jew min-naħa ta' l-għaksa (tarso-metacarsal) ta' sieq; karkassa tinkludi l-parti ta' quddiem tal-karkassa u li tikkonsisti fl-għadam kollha u l-parti mgħaddma, l-għonq u l-ispalel li għandhom aktar min għaxar pari kustilji;

(b) 'Nofs karkassa ta' l-annimali tal-fart' għall-iskopijiet tal-kodiċi NM 0201 11 00 u 0202 10 00 tfisser il-prodott li jirriżulta mid-diviżjoni simetrika tal-karkassa sħiħa min-nofs ta' kull naħa ċervikali, dorsali, tal-ġenbejn u vertebrali u min-nofs ta' l-għadma tan-nofs tas-sider u ta' l-għaqda ta' l-għadam tal-ġenbejn (ischiopubic symphiysis); 'nofs karkassa' tinkludi l-parti ta' quddiem tan-nofs karkassa u li jkun fiha l-għadam kollu, il-parti mgħaddma, l-għonq u l-ispalel li jkollhom aktar minn għaxar kustiliji.

(ċ) 'Il-kwati kkumpensati' għall-iskopijiet tal-kodiċi NM 0201 20 20 u 0202 20 10 huma magħmula min jew:

— il-parti ta' quddiem li tikkonsisti fl-għadam kollu u l-parti mgħaddma, l-għonq u l-ispalel, u maqtugħin fl-għaxar kustilji; u naħa ta' wara li tikkonsisti fl-għadam kollu u l-koxxa u l-kustilja tal-flett u maqtugħin mit-tielet kustilja, jew

— il-parti ta' quddiem li tikkonsistu fl-għadam kollu u l-parti mgħaddma, l-għonq u l-ispalel, u maqtugħin fil-ħames kustilja bil-falda u s-sider mwaħħlin; u l-parti ta' wara tinkludi l-għadam kollu u l-koxxa u l-kustilja tal-flett u maqtugħin mit-tmien kustilja.

Il-partijiet tan-naħa ta' quddiem u tan-naħa ta' wara li jikkonsistu fil-'kwarti kkumpensati' għandhom ikunu importati fl-istess ħin u f'ammonti ndaqs u l-użin totali tan-naħa ta' quddiem irid ikun daqs dak tan-naħa ta' wara; b'dana kollu, differenza bejn iż-żewġ piżijiet ta' żewg partijiet tal-konsenja hija permissibli basta li din ma teċċedix 5 % tal-piż tal-parti l-aktar tqila (naħa ta' quddiem jew in-naħa ta' wara);

(d) 'Il-partijiet ta' quddiem mhux separati' għall-iskopijiet tal-kodiċi NM 0201 20 30 u 0202 20 30 tfisser il-parti ta' quddiem tal-karkassa li tikkonsisti f'dawk l-għadam u l-partijiet mgħaddma, l-għonq u l-ispalel, b'minimu ta' erba' pari ta' kustilji u massimu ta' għaxar pari kustilji (l-ewwel erba' pari ta' kustilji jridu jkunu sħaħ, l-oħrajn jistgħu jiġu maqtugħa) bi jew mingħajr il-parti rqiqa tad-dgħif;

(e) 'Il-partijiet ta' quddiem separati' għall-iskopijiet tal-kodiċi NM 0201 20 30 u 0202 20 30 tfisser il-parti ta' quddiem ta' nofs il-karkassa u tikkonsisti fl-għadam kollu u n-naħat mgħaddma, l-għong u l-ispalel, b'minimu ta' erba' pari kustilji u massimu ta' għaxar pari kustilji (l-ewwel erba' pari kustilji jridu jkunu sħaħ, l-oħrajn jistgħu jiġu maqtugħa) bi jew mingħajr il-parti rqiqa tad-dgħif;

(f) 'Il-partijiet ta' wara mhux separati' għall-iskopijiet tal-kodiċi NM 0202 20 50 u 0202 20 50, tfisser il-parti ta' wara tal-karkassa u tinkludi l-għadam kollu u l-koxxa u d-dejf, u tinkludi l-fetta b'minimu ta' tliet pari kustilji sħaħ jew maqsuma bid-dejf jew mingħajru;

(g) 'Il-partijiet ta' wara mhux separati' għal l-iskopijiet tal-kodiċi NM 0201 20 50 u 0202 20 50, tfisser il-parti ta' wara ta' nofs il-karkassa u tinkludi l-għadam kollha u l-koxxa u d-dejf, u tinkludi l-fetta b'minimu ta' tliet pari kustilji sħaħ jew maqsuma bid-dejf jew mingħajru;

(h) 'Il-qatgħa' u 'l-ilħit u l-skapula', għal iskopijiet tal-kodiċi NM 0202 30 50 tfisser il-parti dorsali tan-naħa ta' quddiem, u tinkludi l-parti ta' fuq ta' l-ispalla, u meħudha min-naħa ta' quddiem b'minimu ta' erba' kustilji u massimu ta' għaxar kustilji b'qatgħa dritta matul il-punt ta' fejn l-ewwel kustilja tingħaqad ma' l-ewwel punt tas-segment ta' l-għadma ta' nofs is-sider sal-punt riflessiv ta' dijaframma fuq l-għaxar kustilja;

(i) 'Is-sidra ta' bhima' għall-iskop tal-kodiċi NM 0202 30 50 tan-nomenklatura magħquda tfisser il-parti ta' isfel tan-naħa ta' quddiem u tinkludi l-pont tan-nofs tas-sidra u s-sidra fil-ponta ta' isfel;

(j) 'Laħam ippreparat jew ippreservat jew fdalijiet tal-laħam li jkun fihom laħam jew fdalijiet tal-fart, mhux imsajjar' għal iskopijiet tal-kodiċi NM 1602 50 10 u 1602 90 61, tfisser prodotti li ma kinux ġew soġġetti għal xi trattamenti ta' sħana jew li kienu ġew soġġetti għal trattamenti ta' sħana mhux suffiċjenti biex jassiguraw taqgħid ta' proteini fil-laħam tal-prodott kollu kemm hu u li għalhekk juri traċċi ta' likwidu fir-roża fuq il-wiċċ tal-parti maqtugħa meta l-prodott ikun maqtugħ matul il-linja li tgħaddi mill-aktar parti ħoxna tiegħu."

2. L-Anness I huwa mibdul bl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-Artikolu 2(5) tar Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1136/79 tat-8 ta' Ġunju 1979 li jistabbilixxi regoli dettaljati għal applikazzjoni ta' l-arranġamenti speċjali ta' l-importazzjoni għal ċerti tipi ta' laħam ta' ċanga friżat intenzjonati għall-ipproċessar u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 572/73 [1] kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) 817/89 [2] huwa b'hekk mibdul b'dan li ġej:

"5. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 14 (1) (a) tar-Regolament (KEE) Nru 805/63 'preservativi' tfisser prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 1602 50 31 sa 1602 50 80 tan-nomenklatura magħquda, li fihom bl-użin 20 % jew iżjed ta' laħam ta' l-annimali tal-fart, u teskludi l-fdalijiet u xaħmijiet, li fihom iċ-ċanga u l-ġelatina jammontaw għal mill-inqas 85 % ta' l-użin nett totali.

B'dana kollu, il-prodotti li kienu ġew ipproċessati għal bejgħ bl-imnut jew fi stabbilimenti ta' l-ikel u offruti għal bejgħ lejn il-konsumatur finali mhumiex meqjusa bħala 'preservativi"

Artikolu 4

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2377/80 ta' l-4 ta' Settembru 1989 dwar ir-regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni ta' sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni fis-settur taċ-ċanga u tal-vitella [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 815/91 [4] huwa b'hekk emendat kif ġej:

1. Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Liċenzja għandha tkun meħtieġa għall-importazzjoni fil-Komunità u l-esportazzjoni minn hemm ta' xi prodotti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1 (1) (a) tar-Regolament (KEE) Nru 805/68 u ta' kull prodott li jidħol fil-kodiċi NM 1602 50 31 sa 1602 50 80 u 1602 90 69.

2. Il-liċenzja hija meħtieġa għall-esportazzjoni mill-Komunità ta' prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 0102 10."

2. L-Artikolu 4 (ċ) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(ċ) liċenzji oħrajn ta' l-importazzjoni;

(i) għal 30 ġurnata għal prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 0102 90 05 sa 0102 90 29 mill-jum li fih dawn ikunu ġew attwalment maħruġa;

(ii) għal 90 ġurnata għal prodotti oħrajn mid-data tal-ħruġ fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 21 (1) ta' Regolament (KEE) Nru 3719/88."

3. L-Artikolu 4a (1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Għall-prodotti kollha li jidħlu fil-kodiċi 0102 90 05 sa 0102 90 29 tan-nomenklatura magħquda, is-Sezzjoni 7 ta' l-applikazzjoni tal-liċenzji u tal-liċenzja nnifisha għandha tkun ikkonfermata mill-pajjiż tal-provenjenza. Il-liċenzja ġġorr magħha l-obbligazzjoni li timporta minn dak il-pajjiż."

4. L-Artikolu 16 (1) (ii) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(ii) għall-prodotti li jidħlu taħt il-kodiċi NM 0102 90 05 sa 0102 90 29 u jispeċifikaw in-numru tal-prinċipali u tal-pajjiżi tal-provenjenza, lista tal-liċenzji ta' l-importazzjoni li tkun saret applikazzjoni għalihom mill-aħħar komunikazzjoni."

5. Fl-Anness I, is-Sezzjoni I (3) hija mibdula bl-Anness III għal dan ir-Regolament.

6. L-Anness I, is-Sezzjoni II hija mibdula bl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

7. L-Anness III huwa mibdul bl-Anness V għal dan ir-Regolament.

8. L-Anness IV huwa mibdul bl-Anness VI għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2388/84 ta' l-14 ta' Awissu 1984 dwar ir-regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni ta' rifondi fuq l-esportazzjoni fil-każ ta'ċerta ċanga u vitella ppreservati [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3988/87 [6] gie emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-prodotti preservati li jidħlu fil-kodiċi NM 1602 50 31 u 1602 50 39 li jilħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament huma esportati lejn pajjizi terzi għandhom ikunu eliġibbli għal rifondi speċjali meta jkunu mmanifatturati permezz ta' l-arranġamenti li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80."

[1] ĠU No L 141, 9. 6. 1979, p. 10.
[2] ĠU No L 86, 31. 3. 1989, p. 37.
[3] ĠU No L 241, 13. 9. 1980, p. 5.
[4] ĠU No L 83, 3. 4. 1991, p. 6.
[5] ĠU No L 221, 18. 8. 1984, p. 28.
[6] ĠU No L 376, 31. 12. 1987, p. 31.

2. Artikolu 3 ġie sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Meta l-prodotti ppreservati li jidħlu fil-kodiċi NM 1602 50 31 u 1602 50 39 bi qbil ma' l-Artikolu 2, ikunu importati lura fit-territorju doganali tal-Komunità u ma jkunx iddikjarat għal rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 754/76, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza d-dħul fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa biss jekk, b'żieda mal-ħlas tad-dazju applikabli ma' l-importazzjoni, prova tkun ipprovduta li l-ammont ta' rifondi mogħtija fuq l-esportazzjoni jkunu ġew irkuprati. Meta l-ammont mogħti ma jkunx jista' jiġi ddeterminat għas-sodisfazzjon ta' dawk l-awtoritajiet għandu jkun meqjus li hu egwali għall-għola rifondi applikabbli fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni taċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-merkanzija f'dak il-każ."

Artikolu 6

L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 588/86 tat-28 ta' Frar 1986 dwar l-iffissar ta' *levies* speċjali fuq il-kummerċ taċ-ċanga u l-vitella fir-rigward tal-Portugal [1] huwa b'hekk mibdul bl-Anness VII għal dan ir-Regolament.

Artikolu 7

L-Artikolu 1 (1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/530/KEE tad-19 ta' Lulju 1982 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jippermetti lill-awtoritajiet ta' l-Isle of Man biex japplikaw sistema speċjali ta' liċenzji ta' l-importazzjoni għal-laħam tan-nagħaġ u taċ-ċanga u l-vitella [2], kif emendata bid-Deċiżjoni 92/153/KEE [3], huwa b'hekk mibdul bis-segwenti:

"1. '1. Sabiex tillimita l-importazzjoni, ir-Renju Unit jista jawtorizza; lill-Gvern ta' l-Isle of Man biex japplika sistema ta' liċenzji speċjali ta' l-importazzjoni għal prodotti tal-laħam tan-nagħaġ u taċ-ċanga u tal-vitella, li jidħlu taħt l-intestaturi u sub-intestaturi 0102 10, 0102 90 05 sa 0102 90 79, 0104, 0201, 0202, 0204, 0206 10 95 u 0206 29 91 tan-nomenklatura magħquda."

Artikolu 8

Is-Sezzjoni 6 ta' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 tas-17 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi nomenklatura tal-prodotti agrikoli għal rifondi ta' l-esportazzjoni [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3297/92 [5] huwa mibdul bl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2342/92 tas-7 ta' Awissu 1992 dwar l-importazzjoni ta' annimali ta' razza pura ta' l-ispeċi tal-fart minn pajjiżi terzi u l-għoti ta' rifondi ta' l-esportazzjoni fuqhom [6] u jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1544/79 huwa b'hekk emendat kif ġej:

Fl-Artikoli 1 u 2 (1) il-kodiċi NM 0102 10 00 huwa mibdul bil-kodiċi NM 0102 10.

Artikolu 10

1. L-Annessi I, II, u III tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1912/92 ta' l-10 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxu regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni għal miżuri speċifiċi biex ifornu lill-Gzejjer tal-Kanarja bi prodotti mis-settur taċ-ċanga u l-vitella [7], kif emendati bir-Regolament (KEE) Nru 2660/92 [8] huma mibdula bl-Anness IX ma' dan ir-Regolament.

2. L-Annessi I, II, u III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1913/92 ta' l-10 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxu regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni għal miżuri speċifiċi biex ifornu lill-Azores u l-Madeira bi prodotti mis-settur taċ-ċanga u l-vitella [9], kif emendati bir-Regolament (KEE) Nru 2660/92 huma mibdula bl-Anness X ma' dan ir-Regolament.

3. L-Annessi I u II tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2254/92 tal-31 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxu regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni għal miżuri speċifiċi biex ifornu lill-Gzejjer tal-Kanarja b'annimali tal-fart ħajjin [10], huma mibdula bl-Anness IX ma' dan ir-Regolament.

4. L-Annessi I u II tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2255/92 tal-31 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxu regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni għal miżuri speċifiċi biex ifornu lill-Madeira b'annimali tal-fart ħajjin [11], huma mibdula bl-Anness XII ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

L-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2312/92 tal-31 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxu regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni għal miżuri speċifiċi biex iforni lid-dipartimenti esteri Franċiżi b'annimali ħajjin [12], huma mibdula bl-Anness XIII ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

---

[1] ĠU No L 57, 1. 3. 1986, p. 45.
[2] ĠU No L 234, 9. 8. 1982, p. 7.
[3] ĠU No L 65, 11. 3. 1992, p. 33.
[4] ĠU No L 366, 24. 12. 1987, p. 1.
[5] ĠU No L 328, 14. 11. 1992, p. 23.
[6] ĠU No L 227, 11. 8. 1992, p. 12.
[7] ĠU No L 192, 11. 7. 1992, p. 31.
[8] ĠU No L 270, 15. 9. 1992, p. 5.
[9] ĠU No L 192, 11. 7. 1992, p. 35.
[10] ĠU No L 219, 4. 8. 1992, p. 34.
[11] ĠU No L 219, 4. 8. 1992, p. 37.
[12] ĠU No L 222, 7. 8. 1992, p. 32.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 18 Dicembru 1992.

Għal Kummissjoni
Ray MAC SHARRY
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS

Il-kodiċi NM	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti
Sezzjoni a)	
0201	Laħam ta' l-annimali tal-fart, friski jew imkessħa:
0201 10 00	– karkassi u nofs karkassi
0201 20	– Qagħtat oħra, bl-għadam fih:
0201 20 20	– – 'Ikkumpensati' kwarti
0201 20 30	– – Kwarti ta' quddiem separati jew mhux separati
0201 20 50	– – Kwarti ta' wara separati jew mhux separati
0201 20 90	– – oħrajn
0201 30	– Mingħajr għadam
ex 0206 10	Fdalijiet tajbin għal-ikel, ta' l-annimali tal-fart, friski jew imkessħa:
	– – Oħrajn:
0206 10 95	– – – falda ħoxna u falda rqiqa
Sezzjoni b)	
0202	Laħam ta' annimali tal-fart, iffriżat
0201 10 00	– Karkassi u nofs karkassi
0201 20	– Qagħtat oħra, bl-għadam fih:
0201 10 20	– – 'Ikkumpensati' kwarti
0201 20 30	– – Kwarti ta' quddiem separati jew mhux separati
0202 20 50	– – Kwarti ta' wara separati jew mhux separati
0202 20 90	– – Oħrajn
0202 30	– Mingħajr għadam
ex 0206 29	Fdalijiet tajbin għall-ikel ta' l-annimali tal-fart, iffriżati:
0206 29 91	– – – – Falda ħoxna u falda rqiqa
Sezzjoni c)	
0210	Laħam u fdalijiet oħrajn tal-laħam tajjeb għall-ikel, immellaħ, fis-salmura, imqadded jew imdaħħan; ikkapuljat irqiq u oħxon tal-laħam jew ta' fdalijiet tajbin għall-ikel:
0210 20	– Laħam ta' l-annimali tal-fart:
0210 20 10	– – Bl-għadam fih
0210 20 90	– – Mingħajr għadam
ex 0210 90	– Oħrajn, inklużi kappuljat oħxon u rqiq tal-laħam jew ta' fdalijiet li jittieklu:
	– – Fdalijiet
	– – – Ta' l-annimali tal-fart:
0210 90 41	– – – – Falda rqiqa u falda ħoxna
0210 90 90	– – Kappuljat irqiq u oħxon tal-laħam jew fdalijiet tal-laħam li jittieklu
Sezzjoni d)	
ex 1602 50	Laħam u fdalijiet tal-laħam ippreparat jew ippreservat ta' l-annimali tal-fart:
1602 50 10	– – Mhux imsajjar; taħlita ta' laħam imsajjar jew fdalijiet u laħam jew fdalijiet mhux imsajjar
ex 1602 90	– Oħrajn, jinkludu preparazzjoni tad-demm ta' kwalunkwe annimal:
	– – Oħrajn:
	– – – Oħrajn:
	– – – – Oħrajn:
	– – – – – Li fihom laħam jew fdalijiet ta' l-annimali tal-fart:
1602 90 61	– – – – – – Mhux imsajjar; taħlita ta' laħam u fdalijiet imsajrin jew fdalijiet u laħam mhux imsajjar jew fdalijiet'

ANNESS II

"ANNESS I

Il-kodiċi NM	Deskrizzjoni	Koeffiċjenti għall-kalkolazzjoni ta' *levies* speċjali
0201	Laħam ta' annimali tal-fart, friski jew friżati:	
0201 10 00	– Karkassi u nofs karkassi	1,90
0201 20	– Qagħtat oħra, bl-għadam fih:	
0201 20 20	– – "Ikkumpensati" kwarti	1, 90
0201 20 30	– – Il-kwarti ta' quddiem separati jew mhux separati	1,52
0201 20 50	– – Il-kwarti ta' wara separati jew mhux separati	2,28
0201 20 90	– – oħrajn	2,85
0201 30	– Mingħajr għadam	3,26
ex 0206 10	Fdalijiet tajbin għall-ikel mill-annimali tal-fart, friski jew imkessħa:	
0206 10 95	– – – Falda rqiqa jew falda ħoxna	3,26
0210	Laħam u fdalijiet tal-laħam tajjeb għall-ikel, immellaħ, fis-salmura, imqadded jew trattat bid-duħħan; kappuljat fin u kappuljat oħxon mill-laħam jew fdalijiet tajbin għall-ikel:	
0210 20	– Laħam ta' l-annimali tal-fart:	
0210 20 10	– – Bl-għadam fih	2,85
0210 20 90	– – Mingħajr għadam	1,72
ex 0210 90	– Oħrajn, inklużi kappuljat fin u kappuljat oħxon tal-laħam jew ta' fdalijiet tal-laħam tajbin għall-ikel:	
	– – Fdalijiet tal-laħam	
	– – – Ta' l-annimali tal-fart:	
0210 90 41	– – – – Falda ħoxna u falda rqiqa	3,26
0210 90 90	– – Kappuljat irqiq u kappuljat oħxon tal-laħam jew ta' fdalijiet tal-laħam tajbin għall-ikel	3,26
ex 1602 50	Preparazzjonijiet u preservattivi oħra tal-laħam ta' annimali tar-razza tal-fart	
1602 50 10	– – Mhux imsajjar, taħlita ta' laħam u fdalijiet imsajrin jew fdalijiet u laħam u fdalijiet mhux imsajjar	3,26
1602 90 61	– – Li jkun fih laħam jew fdalijiet ta' l-annimali tar-razza tal-fart mhux imsajjar	

ANNESS III

"3. **Oħrajn:**

Taħt:

(a) GATT (Ftehim Ġenerali tat-Tariffi u l-Kummerċ) kwota għal ċanga ffriżata;

(b) l-annimali tal-fart żgħażagħ biex jissemnu kif hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 805/63;

(ċ) L-Artikolu 14 (1) (a) tar-Regolament (KEE) Nru 805/63 li huma importazzjoni taċ-ċanga intenzjonati għall-manifattura tal-preservattivi;

(d) L-Artikolu 14 (1) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 805/63 li huma importazzjoni taċ-ċanga intenzjonati għall-manifattura ta' prodotti oħra;

(e) Ċanga u vitella li toriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u mill-Kanada u li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1 (1) (d) tar-Regolament (KEE) Nru 263/31;

(f) liċenzji oħrajn mhumiex koperti bil-paragrafi 1 u 2 jew 3 (a) sa (e) t'hawn fuq [1].

(tunnellata metrika)

Il-Kodiċi NM		GATT	Annimali tal-fart żgħażagħ	Artikolu 14 (1) (a)	Artikolu 14 (1) (b)	Ċanga tal-USA	Oħrajn
	Kodiċi	301	302	303	304	305	306
0102 90 05 0102 90 21 and 0102 90 29	300	—		—	—	—	
0102 90 41-tol 0102 90 79 (head)	310	—		—	—	—	
0201 10 00 and 0201 20 20	311						
0201 20 30	312						
0201 20 50	313		—				
0201 20 90	314						
0201 31 and 0206 10 95	315						
0202 10 and 0202 20 10	316						
0202 20 30	317						
0202 20 50	318		—				
0202 20 90	319						
0202 30 10, 0202 30 50, 0202 30 90 and 0206 29 91	320						
0210 20 10	321						
0210 20 90, 0210 90 41 and 0210 90 90	322		—				
1602 50 10 and 1602 90 61	323						
1602 50 31 to 1602 50 80 and 1602 90 69	324		—				

[1] Ma jifformax parti mir-rapport.

ANNESS IV

'SEZZJONI II: LIĊENZJI TA' l-ESPORTAZZJONI

Stat membru: .....

Applikazzjoni ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 2377/30

Kwantitajiet ta' prodotti li dwarhom liċenzji ta' l-esportazzjoni kienu ġew maħruġa

Minn: ..... Lil: .....

1. **B'arranġament ta' stabbilizzar bil-quddiem tar-rifondi**

(Li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 18 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 805/63; eklużi l-liċenzji li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2973/79 (1))

(tunnellata metrika)

Il-kodiċi NM		Destinazzjoni
	kodiċi	(1)
0102 90 05 to 0102 90 79 (irjus)	410	
0201 10 0201 20 20, 0201 20 30 u 0201 20 50 0201 20 90 0201 30 u 0206 10 95	411 412 413 414	
0202 10 0202 20 10, 0202 20 30 u 0202 20 50 0202 20 90 0202 30 10 0202 30 90 u 0206 29 91	415 416 417 418 419	
0210 20 10 0210 20 90 u 0210 90 41 0210 90 90	420 421 422	
1602 50 10 u 1602 90 61 1602 50 31 sa 1602 50 80 u 1602 90 69	423 424	

(1) Il-Kodiċi tad-destinazzjoni bhal ma hi fl-Anness ghar-Regolament (KEE) Nru 2566/79 (ĠU No L 294, 21.11. 1979, p.5) apparti minn meta ma jkunx hemm kodiċi ekwivalenti ghad-destinazzjoni huwa indikat id-destinazzjoni ghandha tidher mhux ikkodifikata.

2. **L-esportazzjoni speċjali lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika**

(Li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2973/79 (1))

(tunnellata metrika)

Il-Kodiċi NM		b'rifondi stabbiliti bil-quddiem			minghajr rifondi tal-*levies* stabbiliti bil-quddiem		
	Kodiċi	500			502		
0201 10 0201 20 20, 0201 20 30 u 0201 20 50 0201 20 90 0201 30 u 0206 10 95	510 512 513 514						
0202 10 0202 20 10, 30 u 50 0202 20 90 0202 30 10, 90 u 0206 29 91	515 516 517 518						

(1) Ma jifformax parti mir-rapport.

3. **Ohrajn**

(Mhux kopert mill-paragrafi 1 u 2 ta' hawn fuq (1))

(tunnellati metriċi)

Il-kodiċi NM		Destinazzjoni
	Kodiċi	(1)
0102 90 05 sa 0102 90 79 (ir-rjus)	610	
0201 10	611	
0201 20 20, 0201 20 30 u 0201 20 50	612	
0201 20 90	613	
0201 30 u 0206 10 95	614	
0202 10	615	
0202 20 10, 0202 20 30 u 0202 20 50	616	
0202 20 90	617	
0202 30 10	618	
0202 30 90 u 0206 29 91	619	
0210 20 10	620	
0210 20 90 u 0210 90 41	621	
0210 90 90	622	
1602 50 10 u 1602 90 61	623	
1602 50 31 sa 1602 50 80 u 1602 90 69	624	

(1) Il-Kodiċi tad-destinazzjoni bħalma fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2566/79 (ĠU No L 294, 21. 11. 1979,p.5) apparti minn meta ma jkunx hemm kodiċi ekwivalenti indikata għad-destinazzjoni għandu jkun muri mhux ikkodifikat.

(1) Ma jifformax parti mir-rapport.'

ANNESS V

"ANNESS III

Lista li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 8(1)

— 0102 10 10, 0102 10 30, 0102 10 90
— 0102 90 05 sa 0102 90 79
— 0201 10 00
— 0201 20 20, 0201 20 30, 0201 20 50
— 0201 20 90
— 0201 30, 0206 10 95
— 0202 10
— 0202 20 10, 0202 20 30, 0202 20 50
— 0202 20 90
— 0202 30 10
— 0202 30 90, 0206 29 91
— 0210 20 10
— 0210 20 90, 0210 90 41
— 0210 90 90
— 1602 50 10, 1602 90 61
— 1602 50 31, 1602 50 39, 1602 50 80, 1602 90 69"

ANNESS VI

"ANNESS IV

Lista li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 8(2)

— 0102 90 05
— 0102 90 21, 0102 90 29
— 0102 90 41 sa 0102 90 79
— 0201 10 00, 0201 20 20
— 0201 20 30
— 0201 20 50
— 0201 20 90
— 0201 30, 0206 10 95
— 0202 10, 0202 20 10
— 0202 20 30
— 0202 20 50
— 0202 20 90
— 0202 30 10
— 0202 30 50
— 0202 30 90, 0206 29 91
— 0210 20 10
— 0210 20 90, 0210 90 41
— 0210 90 90
— 1602 50 10, 1602 90 61
— 1602 50 31, 1602 50 39, 1602 50 80, 1602 90 69"

ANNESS VII

"ANNESS I

Koeffiċjenti għal kalkolazzjoni tal-*levies* speċjali fuq kummerċ mal-Portugal

Il-kodiċi NM	Deskrizzjoni	Koeffiċjenti għall-kalkolazzjoni ta' *levies* speċjali
0102 90 05 sa 0102 90 79	Annimali ħajjin, ta' l-ispeċi ta' l-annimali tal-fart domestiċi apparti milli annimali ta' razza pura għat-trobbija	0,53
0201	Laħam ta' annimali tal-fart, friski jew friżati:	
0201 10 00	– Karkassi u nofs karkassi	1,00
0201 20	– Qagħtat oħra, bl-għadam fih:	
0201 20 20	– – "Ikkumpensati" kwarti	1,00
0201 20 30	– – Il-kwarti ta' quddiem separati jew mhux separati	0,80
0201 20 50	– – Il-kwarti ta' wara separati jew mhux separati	1,20
0201 20 90	– – oħrajn	1,50
0201 30	– Mingħajr għadam	1,72
ex 0206 10	Fdalijiet tajba għall-ikel mill-annimali tal-fart, friski jew imkessħa:	
0206 10 95	– – – Falda rqiqa jew falda ħoxna	1,72
0202	Laħam ta' l-annimali tal-fart, iffriżat:	
0202 10	– Karkassi u nofs karkassi	0,90
0202 20	– Qagħtat oħrajn bl-għadam magħhom:	
0202 20 10	– – Kwarti "Ikkompensati"	0,72
0202 20 30	– – Kwarti ta' quddiem isseparati jew mhux isseparati	1,12
0202 20 50	– – Kwarti ta' wara isseparati jew mhux isseparati	1,35
0202 20 90	– – Oħrajn	1,12
0202 30	– Mingħajr għadam:	
0202 30 10	– – – Il-kwart ta' quddiem, sħaħ jew maqtugħa f'massimu ta' ħames biċċiet kull kwart li jkunu fi blokka waħda; Kwarti "ikkompensati" f'żewġ blokki, li wieħed minnhom ikun fih il-kwart ta' quddiem sħiħ jew maqtugħ f'massimu ta' ħames biċċiet, u l-oħra, il-kwart ta' wara, eskluż il-flett, f'biċċa waħda	1,55
0202 30 50	– – L-għonq, bl-ilħit u l-iskapula u l-qatgħat tas-sidra [1]	1,12
0202 30 90	– – Oħrajn	1,55
ex 0206 29	Il-fdalijiet tajba għall-ikel minn annimali tal-fart, iffriżati:	
0206 29 91	– – – Il-falda l-ħoxna u l-falda l-irqiqa	1,55
